MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-19 ta' Awwissu, 2011

Numru. 961/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Malek Sami Haddad**

**Kumpilazzjoni Nru: 961/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Malek Sami Haddad, ta’ 18 il-sena, bin Mohamed u Nadia nee’ Farhaoui, imwieled Franza nhar it-23 ta’ Novembru, 1992, residenti Juliani Apartments, Flat 3, Triq Schrieber, San Giljan, u detentur tal-passaport Franciz numru 11CA72363.

Akkuzat talli fid-19 ta' Awissu, 2011 ghall-habta tal-5:00am, gewwa Havana Club, Triq San Gorg San Giljan:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fuq bieb ta' l-istess stabilment ghad-dannu ta' Margaret Azzopardi u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma izjed minn mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser l-bon ordni u l-paci pubbika b'ghajjat u glied.

Rat l-artikoli 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma dni l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat d-dokumenti esebieti.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali netta u l-eta ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammisjoni

ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 24 ta'l-istess Kapitolu 446 tordna lill-imputat biex fi zmnien gimgha jhallas bhala kumpens lill-parte leza is-somma ta' mija u tlettin Euro (€130).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------